KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGHA NUMRU 7

Is-seba laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 11 ta' Ġunju 2013 fis-6.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| **ASSENTI** | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |

*Agenda:*

1. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*

## 1. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

1.1 Il-Kunsilliera M. Aquilina talbet biex jiġu organizzati korsijiet bħala Support Group għal Anzjani Slimiżi. Dan ikun jiswa Ewro 40 kull sezzjoni għal għaxar darbiet. It-total hu ta' Ewro 400. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Viċi Sindku irrimarka li l-ħarġa għall-Għawdex li għada kif ġiet organizzata kienet ta' suċċess u saqsa jekk hux se terġa ssir s-sena d-dieħla. Ir-risposta kienet fil-pożittiv. *Support Group courses*

1.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace proponiet li tiġi organizzata laqgħa għall-anzjani li tiġi indirizzata minn uffiċċjali ta' Pulizijia ġewwa Tas-Sliema Day Centre dwar is-sigurta'. Il-Kunsilliera V. Galea Pace għandha tiċċekkja min jista jagħmel din it-talk. *Talk għall-anzjani dwar sigurta*

1.3 Il-Kunsilliera V. Galea Pace proponiet li ssir ħarġa għall-anzjani filgħaxija 'Birgu by Night'. *Ħarġa għall-anzjani*

1.4 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li hemm bżonn li ssir il-bankina ta' Triq Sir George Borg (in-naħa tal-Bahar) u faċċata tagħha. Qalet ukoll li f'Luzju Lane hemm pots mimlijin b'imbrazz. Il-Kunsill għandu jinforma lill-ELC. Kien hemm qbil ukoll li ssir direct order ta' Ewro 800 għall-aħjar diżinn ta' Luzju Lane u xogħol jieħu ħsiebu l-perit. *Manutenzjoni*

1.5 Il-Kunsillier M. Briguglio ippropona li jiġi organizzat kors tal-First Aid ma' St John Ambulance. Dan ikun għal 12-il ruħ li jiġi jiswa Ewro 480. Min jattendi jħallase Ewro 10 u l-Kunsill jissussidja Ewro 30 għal kull persuna. Kien hemm qbil dwar dan. *Korsijiet First Aid*

1.6 Il-Viċi Sindku tkellem dwar donazzjoni mill-Playmobil sabiex jiġu irranġati il-bandi ta' Gnien Indipendenza. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li fil-fatt dawn qegħdin jaqgħu biċċiet. Il-Kunsill qabel li tinħareġ tender għal bandli ġodda fi Ġnien Indipendenza. Kien hemm qbil ukoll li sadanitant jingħalqu dawk li huma perikolużi. Bandli Ġnien Indipendenza

1.7 Il-Kunsillier P. Portelli informa lill-membri preżenti li l-programm ta' SSAF tlesta u se jibda l-online marketing u radio marketing. Inkuraġġixxa lill-Kunsilliera biex javżaw u jħeġġu lill-pubbliku biex jipparteċipaw. *SSAF*

1.8 Il-Kunsillier P. Portelli qal li hemm bżonn ikun hemm aktar enforcement u jinqatgħu operazzjonijiet illegali dwar il-krejnijiet. Ġie nnotat li twaħħlet camera ix-Xatt fejn il-Black Gold. Il-Kunsillier P. Portelli talab biex titwaħħal ukoll camera fejn it-tlett siġriet. *Krejnijiet*

1.9 Il-Kunsillier P. Portelli talab li jkun hemm pjanijiet *short/long term* mil-Kumitati tal-Kunsill. *Pjanijiet mis-sotto kumitati*

1.10 Ġie nnotat li m'hemmx biżżejjed infurzar fil-Triq il-Knisja. Il-Kunsill għandu jinforma lill-uffiċċjal awtorizzat. *Infurzar*

1.11 Kien hemm qbil li titneħħa t-tabella tal-iskola minn Triq il-Katidral

1.12 Ġie ssuġġeriet *web site car sharing*

1.13 Il-Viċi Sindku informa li se ssir *Maritime Day* nhar il-Ħadd. Semma SAR u issir SAR biss. Informa wkoll li fit-23 ta' Ġunju 2013 se ssir Beach Clean up and Sea Bed clean up. *Beach clean up*

1.14 Il-Viċi Sindku qal li l-bring in-sites ta' Qui Si Sana hemm bżonn jiġu rranġati.

1.15 Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn issir platform tal-concrete u billboard edukattiva u jitwaħħlu bollards viċin il-bankini minħabba l-muturi.

1.16 Ġie nnotat li quddiem il-Lukanda Patricia fi Triq Ġuze Howard kien hemm ħafna studenti li għamlu vandaliżmu fuq karozzi. Din għandha tiġi diskussa mal-pulizija. Vandaliżmu minn studenti

1.17 Is-Sindku u l-Viċi Sindku tkellmu mal-Perit Edward Said fejn ġie nnotat li f'ċertu żmien kien hawn bozzoz dekorattivi f'Tas-Sliema. Kien hemm qbil biex jerġgħu ssiru f'ċertu nħawi f'Tas-Sliema. Bozzoz dekorattivi

1.18 Kien hemm qbil li l-Kunsill jinforma li TM li l-parking bays ta' parking areas pubbliċi għandhom bżonn jinżebgħu. *Refreshing parking bays – Public Car Parks*

1.19 Kien hemm qbil li jsir resurfacing fejn it-tlett siġriet. Resurfacing – Tlett siġriet

1.20 Il-Kunsilliera L. Cassar infurmat li rċeviet diversi ilmenti mir-residenti tal-MIDI li l-Kunsill mhux qiegħed jiġbor l-iskart. Il-Kunsill għandu jsaqsi għall *extra funding*.

1.21 Il-Kunsilliera L. Cassar ipproponiet li jsir resurfacing fi Triq Gafar. Din ma ġietx approvata għalissa.

1.22 Il-Kunsilliera L. Cassar ipproponiet li jsiru drama courses kull nhar ta' Ġimgħa ta' sigħa u nofs kull darba (minn nofs Lulju sa nofs Settembru) għal Ewro 30 kull lezzjoni. Il-ħlas ta' reġistrazzjoni tkun ta' Ewro 10. *Drama courses*

1.23 Il-Kunsillier J. Pillow informa li li-bins, il-bankijiet u l-bus shelters għadhom ma sarux ix-Xatt minn Transport Malta.

1.24 Il-Kunsillier J. Pillow qal li-Kunsill għandu jieħu ħsieb il-gabbani ta' fuq il-promemande. Tkellem ukoll dwar it-tinda l-Arriva bus shelter. *Gabbani tal promenade*

1.25 Kien hemm qbil li jsir aktar *enforcement* fuq il-banners.

1.26 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-lattrini pubbliċi. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu joħroġ tender għal manutenzjoni tal-latrini pubbliċi. *Latrini Pubbliċi*

1.27 Is-Sindku ippropona li Old College bridge jiġi paved, biex ikun hemm *traffic* calmer kif ukoll biex isir restawr ħafif taċ-ċinta tal-bridge. Il-Kunsill qabel ma dan. *Old College*

1.28 Is-Sindku ta' update dwar l-RPZ u informa li din il-ġimgħa jagħlaq it-terminu

1.29 Is-Sindku tkellem dwar l-appell tal-Knis fejn informa li l-Kunsill ser jitkellem ma avukat speċċjaliżżat fil-qasam tal-*procurement*. Il-Kunsill qabel li jaħdem ma dawn l-avukati fuq l-appelli tal-knis u skart. *Tender Knis*

Is-seduta ntemmet fl-20.30.

Minuti approvati llum 27/06/2013

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**